



Brussell, 20 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5057/26

LIMITE

CORLX 3
CFSP/PESC 5
MAMA 2

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK
dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni
u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Jannar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/72/PESK¹.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġu estiżi sal-31 ta' Jannar 2027. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-entrati għal tliet persuni u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom tad-difiża u d-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jitħassru mill-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-informazzjoni relatata mal-applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina tiġi emendata għal 24 persuna fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/72/PESK tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2011/72\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2011/72(1)/oj)).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/72/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5(1), id-data "31 ta' Jannar 2026" hija sostitwita b'dik tal-"31 ta' Jannar 2027";
- (2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fid-Deċiżjoni 2011/72/PESK, l-Anness huwa emendat kif ġej:

- (1) fil-Parti A (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1), jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

“19. Lilia Bent Noureddine Ben Ahmed NACEF;

24. Mehdi Ben Ridha Ben Mohamed BEN GAIED;

29. Ghazoua Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI”;

- (2) il-Parti B (Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont il-liġi Tuneżina) hija emendata kif ġej:

- (a) jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

“19. Lilia Bent Noureddine Ben Ahmed NACEF;

24. Mehdi Ben Ridha Ben Mohamed BEN GAIED;

29. Ghazoua Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI”;

- (b) taħt l-intestatura "Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva", l-entrati 1, 3, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 15, 16, 17, 20, 25, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 40, 42, 46 u 48, li jikkonċernaw total ta' 24 persuna, li ġejjin huma sostitwiti bl-entrati korrispondenti li ġejjin:

“1. Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, inħatar avukat mill-Qorti biex jiddefendi l-interessi tas-Sur Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali meta ġie pproċessat in absentia; fil-kawża 24310, tnejn mill-werrieta tas-Sur Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali kienu rappreżentati minn avukat; fl-2025 il-Qorti ddeċidiet fl-ewwel istanza, fil-kawża 24310, favur il-werrieta tas-Sur Ben Ali.

3. Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għaddejjin effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għaddejjin li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, fil-5 ta' Marzu 2012, is-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; inħatar avukat biex jirrappreżenta lill-werrieta tas-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi fl-azzjoni ċivili kontribom fil-kawża 9058; fl-2025, il-Qorti ddeċidiet fl-ewwel istanza, fil-kawża 9058, favur il-werrieta tas-Sur Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi.

7. Halima Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda BEN ALI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għaddejjin effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għaddejjin li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li s-Sa Halima Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ali, irrappreżentata mill-avukat tagħha, appellat is-sentenza 1850 tal-25 ta' Jannar 2021; il-Qorti, fl-2022 ċaħdet, fl-ewwel istanza fil-kawża 32265, azzjoni ċivili kontra s-Sa Halima Bent Zine El Abidine Ben Ħaj Hamda Ben Ali.

8. Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-mizappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, b'impenn bil-miktub li sar mill-awtoritajiet Tuneżini lill-awtoritajiet Żvizzeri fis-7 ta' April 2014, fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' ittra rogatorja, li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tas-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi u d-drittijiet tad-difiża tiegħu; mill-fatt li, matul il-proċessi in absentia, is-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi kien rappreżentat minn avukat. Barra minn hekk, dan jidher mill-fatt li s-Sur Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella s-sentenzi 869/32 tal-24 ta' Novembru 2021 u s-sentenza 1134 tal-20 ta' Mejju 2023.

9. Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li qabel mewtu, is-Sur Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu fit-13 ta' Marzu 2012 u s-16 ta' Marzu 2012.

10. Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-5 ta' Jannar 2012, il-5 ta' Lulju 2012 u s-27 ta' Frar 2013 is-Sa Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha; Is-Sa Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi, permezz tal-avukat tagħha, eżerċitat id-drittijiet tad-difiża tagħha billi appellat sentenza tal-ewwel istanza fl-2025.

11. Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fis-27 ta' Ottubru 2016 is-Sur Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2025, is-Sur Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed Trabelsi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-qorti tal-kassazzjoni (kawża nru 21775).

12. Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI

Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija. L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li l-werrieta tas-Sur Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi ħatru avukat biex jiddefendihom fl-azzjoni ċivili kontribom (kawża nru 9099).

13. Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għidizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-23 ta' Frar 2012, qabel mewtu, is-Sur Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; il-werrieta tas-Sur Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma Trabelsi ħatru avukat biex jiddefendihom fl-azzjoni ċivili pendenti kontrihom (kawża nru 16277).

15. Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MAHERZI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għidizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-20 ta' Awwissu 2011 u t-2 ta' Ottubru 2012 u l-31 ta' Mejju 2013, is-Sur Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed Maherzi nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu; fl-2025, is-Sur Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed Maherzi, permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 51174).

16. Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-24 ta' Jannar 2012, is-Sa Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha; fl-2018, is-Sa Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma Trabelsi eżerċitat id-drittijiet tad-difiża tagħha billi appellat sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 35666).

17. Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fl-24 ta' Jannar 2012, is-Sur Habib Ben Kaddour Ben Mustapha Ben Zakir instema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; Is-Sur Habib Ben Kaddour Ben Mustapha Ben Zakir kien rappreżentat minn avukat fl-azzjoni kriminali pendenti kontri u permezz tal-avukat tiegħu eżerċita d-drittijiet ta' difiża tiegħu billi appella deċiżjonijiet tal-maġistrat istruttur.

20. Mourad Ben Hédi Ben Ali MEHDOUI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għidizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-13 ta' Frar 2012 is-Sur Mourad Ben Hédi Ben Ali Mehdoui nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2019, is-Sur Mourad Ben Hédi Ben Ali Mehdoui eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella sentenza tal-ewwel istanza (kawża nru 41245).

25. Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għodizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għodizzjarji jew fil-proċess ta' rkupru tal-assi li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li (i) fl-24 ta' Novembru 2014, it-12 ta' Jannar 2015, l-10 ta' April 2015 u t-2 ta' Diċembru 2015, is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub instema' fuq diversi kawżi minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu; (ii) l-investigazzjoni kontra s-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub fil-Kawża 27638/6 intemmet fit-30 ta' Marzu 2018 minħabba nuqqas ta' evidenza u d-deċiżjoni li tintemm l-investigazzjoni ġiet ikkonfermata aktar tard fl-appell; u (iii) is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub kien assistit minn avukat matul il-proċedimenti ta' arbitraġġ quddiem il-Kumitat tal-Arbitraġġ tal-Instance de la Vérité et de la Dignité (IVD). Fil-15 ta' Frar 2021 u l-10 ta' Marzu 2021, is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub instema' minn maġistrat istruttur fil-kawża 19592/1. Fil-31 ta' Marzu 2021, l-imhalled inkwirenti ddeċieda li jaqta' l-kawża tiegħu mill-kawża ġenerali 19592/1. Il-kawża 1137/2 għadha pendenti. Dan jidher ukoll mill-fatt li fl-2025 is-Sur Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah Chiboub ressaq appell kontra s-sentenza 36166.

30. Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed ZARROUK

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Wara r-rikors tas-Sur Zarrouk, il-Kumitat tal-Arbitraġġ tal-Instance de la Vérité et de la Dignité (IVD) ta d-deċiżjoni ta' arbitraġġ li ġiet ikkonfermata mill-Conseil de l'IVD fl-24 ta' Diċembru 2018. Din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Il-kawża għadha pendenti. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-15 ta' April 2021 fil-kawża 29443 ikkundannatu għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji jew fil-proċess ta' rkupru tal-assi li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fis-16 ta' Jannar 2012, l-1 ta' Frar 2012 u t-22 ta' Ġunju 2017, is-Sur Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed Zarrouk instema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2023, is-Sur Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed Zarrouk kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 37344.

31. Farid Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż bid-data tal-1 ta' Novembru 2018 fil-kawża 27658 ikkundannatu għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-3 ta' Ottubru 2011, is-Sur Farid Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2019, is-Sur Farid Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali permezz tal-avukat tiegħu, eżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu billi appella s-sentenza ta' kundanna datata l-1 ta' Novembru 2018 fil-kawża 27658 u sussegwentement kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 82970.

32. Faouzi Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. Il-Kunsill ma sab l-ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Faouzi Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali ma kinux rispettati.

33. Hayet Bent Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni gudiżzarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti gudiżzarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher b'mod partikolari mill-fatt li fid-19 ta' Ottubru 2011, is-Sa Hayet Bent Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha. Sentenza bid-data tal-14 ta' Marzu 2019 fil-kawża 40800 ikkundannatha għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi. Din il-persuna qed taħrab u m'għadhiex preżenti fit-Tuneżija, għalhekk is-sentenza kontriha nġhatat in absentia.

34. Najet Bent Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejjin. Sentenza bid-data tas-7 ta' Jannar 2016 fil-kawża 28264 ikkundannatha għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni gudiżzarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti gudiżzarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-21 ta' Novembru 2011 is-Sa Najet Bent Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha.

35. Slaheddine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejnin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-13 ta' Jannar 2012, is-Sur Slaheddine Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu.

40. Douraied Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejnin. Sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Tuneż datata 25 ta' Ottubru 2018 fil-kawża 25421 ikkundannatu għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fil-21 ta' April 2012 is-Sur Douraied Ben Hamed Ben Taher Bouaouina nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tiegħu; fl-2018, is-Sur Bouaouina kien rappreżentat minn avukat fil-kawża 25421.

42. Ghazoua Bent Hamed Ben Taher BOUAOUINA

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi għadhom għaddejnin. Sentenza datata 21 ta' Novembru 2022 fil-kawża 46396 ikkundannatha għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti għidizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li, fl-2011, is-Sa Ghazoua Bent Hamed Ben Taher Bouaouina nstemgħet minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukat tagħha.

46. Mehdi Ben Tijani Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejnin. Qabel mewtu, sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza ta' Tuneż datata 21 ta' Marzu 2019 fil-kawża 41328/19 ikkundannatu għal miżapproprijazzjoni ta' fondi pubbliċi.

Il-Kunsill ma sab l-ebda indikazzjoni li d-drittijiet tad-difiża jew id-dritt għal protezzjoni għidizzjarja effettiva tas-Sur Mehdi Ben Tijani Ben Ħaj Hamda Ben Ħaj Hassen Ben Ali ma kinux rispettati.

48. Sofiene Ben Habib Ben Ħaj Hamda BEN ALI

L-investigazzjoni jew il-proċess dwar il-miżapproprijazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi kontra l-werrieta tiegħu għadhom għaddejjin. L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ġew rispettati fil-proċedimenti ġudizzjarji li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan jidher, b'mod partikolari, mill-fatt li fit-22 ta' Marzu 2012, is-Sur Sofiene Ben Habib Ben Ħaj Hamda Ben Ali nstema' minn maġistrat istruttur fil-preżenza tal-avukati tiegħu. Dan jidher ukoll mill-fatt li l-werrieta tas-Sur Sofiene Ben Habib Ben Ħaj Hamda Ben Ali kienu rappreżentati minn avukat fil-kawża 8803.”
